# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 60/2017 PC**

**Enrich Joe u Cathleen Jane konjuġi Cauchi**
**f'isimhom propju u f'isem u fl-interess**
**ta' binhom minuri Jordan Cauchi Cutajar**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew:

Illi minn relazzjoni intima bejn Cathleen Jane Cauchi, dak iż-żmien xebba Cutajar u Enrich Joe Cauchi, nhar it-Tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieled il-minuri Jordan, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A';

Illi sussegwentement, u ċioe' nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħdax (2011), il-ġenituri tal-imsemmi minuri żżewġu, u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ immarkat Dokument 'B';

Illi f'dan l-att taż-żwieġ bin-numru sitta u sebgħin (76/2011), hemm iddikjarat illi l-mara ma għażlitx illi żżomm kunjom xbubitha maż-żwieġ, u allura mill-ġurnata taż-żwieġ hija ħadet biss kunjom ir-raġel, u ċioe' *Cauchi*;

Illi għalkemm isem il-wild minuri ġie reġistrat bil-kunjom *Cauchi Ciantar* (u allura b'kunjom il-missier segwit minn dak tal-omm xebba, kif kienet dak iż-żmien), l-isem intier li dejjem użat għalih, u li għadha tuża' għalih il-familja tiegħu huwa proprju dak ta' *Jordan Cauchi* (u mhux ta' *Jordan Cauchi Cutajar*);
Illi għalhekk jissussistu raġunijiet validi, kif kontemplati fl-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tintalab korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-istess minuri;

Illi l-atturi jafu b'dawn il-fatti personalment u jinsabu awtorizzati jagħmlu din id-dikjarazzjoni.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tordna t-tibdil fl-att tat-twelid ta' Jordan Cauchi Cutajar, bin-numru mija u erbgħa u erbgħin (144) tas-sena elfejn u tmienja (2008), u liema ċertifikat jinsab hawn anness u mmarkat bħala Dokument 'A', billi fil-kolonna intestata *Isem il-Wild* jitneħħa l-kunjom Cutajar sabiex b'hekk, stante ness familjari, isem il-wild jiġi jaqra bħala *Jordan Cauchi* u dan a tenur tal-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħda tirrimetti ruħha għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi nonostanti l-esponenti m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba in kwistjoni mhuwiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Il-Qorti, għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba u tordna t-tibdil fl-att tat-twelid ta' Jordan Cauchi Cutajar, bin-numru mija u erbgħa u erbgħin (144) tas-sena elfejn u tmienja (2008), u liema ċertifikat jinsab anness mal-istess rikors ġuramentat, billi fil-kolonna intestata *Isem il-Wild* jitneħħa l-kunjom Cutajar

sabiex b'hekk, stante ness familjari, isem il-wild jiġi jaqra bħala *Jordan Cauchi* u dan a tenur tal-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom ikunu sopportati mill-atturi stess.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur